MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 986/2001/1

**Maltacom Plc**
**Vs**
**Mary Zarb**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta thallas is-somma ta' Lm304.99 (tlett mija u erba' liri Maltin u disgha u disghin centezmu) dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2149 tal-Kodici civili u minghajr pregudizzju qalet li l-ammont ta' Lm304.99 (tlett mija u erba' liri Maltin u disgha u disghin centezmu) m'huwiex

dovut minna izda min certu Godwin Zampa.

Ra s-seduta mizmuma fis-7 ta’ Marzu 2002 li fiha xehdet Mary Zarb fejn qalet li l-hanut imsemmi fl-avviz mis-socjeta’ attrici kien mibjugh lil Godwin Zampa fis-sena 1991 izda t-transfers u l-licenzji inqalbu fin-1996 dan ghaliex kienet qeda tithallas bil-mod. Il-konvenuta tikkonferma li qatt ma irciviet kontijiet minghand il-Maltacom hlief l-ittra u l-kawza. L-konvenuta qalet li Godwin Zampa miet u ghar-rigward id-dokument ezebit a fol. 3 tal-process tikkonferma li ma tafx min hi Maria Dolores Grech.

Illi s-socjeta’ attrici kellha tipprova li l-konvenuta kienet responsabbli ghal hlas ghas-servizz. Illi s-socjeta’ attrici esebiet application form esebit minn M. Dolores Grech in konnessjoni ma’ post iehor. Is-socjeta’ attrici kellha diversi differimenti biex tressaq provi dwar l-pretensjoni taghha izda naqset li tipprezenta provi. Illi ghalhekk s-socjeta’ attrici naqset li tipprova t-talba taghha.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra Maltacom Plc.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**